Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,662, 28 ta' Awissu, 1998
Taqsima B

A.L. 211 ta' l-1998

ATT DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (KAP. 254)

Ordni ta' l-1998 dwar it-Trasferiment ta' Kirjiet li jirrigwardaw l-Uffiċċju tal-Posta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 5C ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għat-Trasport u Portijiet għamel dan l-Ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ bħala l-Ordni ta' l-1998 dwar it-Trasferiment ta' Kirjiet li jirrigwardaw l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jitqies bħala li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 1998.

Skeda.

2. Il-fondi elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni huma fondi li kienu fl-1 ta' Mejju, 1998 miżmuma mill-Gvern taħt titolu ta' kiri u li kienu qed jintużaw bħala Uffiċċji tal-Posta.

Trasferiment ta' Kirjiet.

3. It-Titolu ta' kiri tal-fondi elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għandhom mill-1 ta' Mejju, 1998 ikunu vestiti fil-kumpannija msejħa "Maltapost p.l.c." li mill-1 ta' Mejju, 1998 għandha liċenza taħt l-artikolu 5A ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta biex tipprovdi s-servizzi postali msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta.

Validità.

4. It-trasferiment ta' kull titolu ta' kirja lil Maltapost p.l.c. skond l-artikolu 3 ta' dan l-Ordni għandu jkollu seħħ għal perijodu ta' ħmistax-il sena jew għal dak iż-żmien li l-imsemmija kumpannija jibqa' jkollha liċenza biex tipprovdi s-servizzi postali msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, skond liema jkun l-iqsar.

B 1752

SKEDA

(Artikolu 2)

1. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Qormi	207, Victory Street, Qormi.
2. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Msida	Yacht Marina Apartments, Garage No. 26, Msida.
3. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Sliema	118, Emmanuel Dimech Street, Sliema.
4. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Żejtun	36/38, St Lucian Street, Żejtun.
5. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, San Ġwann	7, Naxxar Road, San Ġwann.
6. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Ħamrun	18, Railway Avenue, Ħamrun.
7. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Luqa	"Fairlane", Ninth April Street, Luqa.
8. Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, San Pawl il-Baħar	467A, Main Street, St. Paul's Bay.